MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
ANNA FELICE**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 1393/1993/1

**Teresa Monreal, mart Joseph, f'isimha proprju,
u l-istess Joseph Monreal f'ismu proprju u bħala kap
tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur
tal-beni parafernali ta' martu**

**v.**

**Piju Grech; u b'digriet tas-7 ta' Marzu 1994
ġew kjamati in kawża
d-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet Pubbliċi
u l-Ministru ta' l-Ambjent**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**
B'ċitazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Novembru, 1993 l-atturi ppremettew illi fis-17 ta' Dicembru, 1991, waqt li l-attur Joseph Monreal, għal xi s-7.30p.m. kien qiegħed isuq vettura tal-marka Morris 1000 bin-numru R-1374, fi Triq Notabile, l-Imrieħel, u kellu miegħu bħala passiġġieri lil martu Teresa, l-attriċi, u lil ibnu Sorin-Valentin, magħruf bħala Joe-Ray, ta' sentejn u erba' xhur, ħabat ma' vettura tal-marka Cortina, bin-numru S-5799 misjuqa mill-konvenut; illi bil-qawwa tal-ħabta, Sorin-Valentin tilef ħajtu u l-atturi ndarbu sew, u għadhom sallum ibatu minn debilità permanenti; igħidu wkoll illi l-konvenut waħdu jaħti għall-inċident u għalhekk għandu jwieġeb għad-danni, iżda għalxejn sejħu lilu u lill-assikuraturi tiegħu biex jagħmlu tajjeb; l-atturi ghalhekk fetħu din il-kawża u talbu li dik il-Qorti tgħid:-

1) illi l-konvenut waħdu jaħti għall-inċident u għalhekk għandu jwieġeb għad-danni

2) tillikwida d-danni; u

3) tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' żewġ ittri uffiċjali ippreżentati flimkien maċ-ċitazzjoni għan-notifika ta' l-assikuraturi tal-konvenut.

Il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni illi ma jaħtix għall-inċident, li seħħ bi ħtija ta' terzi, minħabba f'ħofra li tħalliet miftuħa u mhux imdawla mill-ħaddiema tax-xogħlijiet pubbliċi; għalhekk jinħtieġ li jissejħu fil-kawża d-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ministru ta' l-Infrastruttura, Xogħlijiet Pubbliċi, u l-Ambjent.

B'digriet tas-7 ta' Marzu 1994 l-ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-konvenut għas-sejħa fil-kawża, u l-imsejħa fil-kawża ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1) il-Ministru għall-Ambjent ma għandux it-tmexxija ta' kuljum tad-dipartiment, u għalhekk għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju; u huma ma jaħtu xejn għall-inċident.

Wara illi, b'digriet tat-18 ta' Ġunju 1999, ingħata s-setgħa li jkompli jressaq eċċezzjonijiet, il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni illi l-atturi ma humiex rappreżentanti ta' Sorin-Valentin għax ma kinux għadhom addottawh; għalhekk ma jistgħux jitolbu l-ħlas ta' danni minħabba l-mewt tiegħu, u l-konvenut għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju.

**Is-sentenzi appellati.**

B'sentenza tas-**16 ta' Novembru, 2004** il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' legittimazzjoni fl-atturi billi cahditha, u kompliet biex iddisponiet dwar il-kwistjoni ta' responsabbilita` ghall-incident billi irriteniet illi l-konvenut għandu disgħin fil-mija (90%) tal-ħtija għall-inċident u l-imsejħa fil-kawża għandhom għaxra fil-mija (10%) tal-ħtija, u għandhom jagħmlu tajjeb għad-danni skond is-sehem tagħhom tal-ħtija; konsegwentement ordnat illi jitkompla s-smigħ tal-kawża sabiex issir trattazzjoni dwar il-likwidazzjoni tad-danni. Dwar l-ispejjeż irrizervat li tipprovdi fis-sentenza finali. U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"L-inċident seħħ fi Triq Notabile, l-Imrieħel, it-triq li twassal mill-Belt Valletta sar-Rabat. Kienet nieżla xita rxiex u l-ħin kien xi s-7.30p.m. Il-parti tat-triq li tieħu traffiku sejjer lejn ir-Rabat hija mifruda b'*centre strip* mill-parti li tieħu t-traffiku lejn il-Belt Valletta. L-attur kien qiegħed isuq fuq in-naħa tiegħu tat-triq, sejjer lejn ir-Rabat, u l-konvenut kien fuq in-naħa l-oħra, sejjer fid-direzzjoni tal-Belt Valletta. L-attriċi kienet riekba fuq quddiem ħdejn l-attur, żewġha, u f'ħoġorha kellha lit-tifel Sorin-Valentin.

"L-atturi ftit li xejn jafu kif seħħ l-inċident. L-attur jaf biss li f'ħin minnhom bħal leħħa ta' berqa ġiet fuqu vettura, li wara sar jaf li kienet misjuqa mill-konvenut, u laqtet il-karrozza tiegħu fuq quddiem. L-attriċi taf biss li ħasset daqqa u ntilfet minn sensiha.

"Il-konvenut xehed illi kien nieżel mir-Rabat meta fit-triq sab quddiemu ħofra kbira li ma rahiex għax ma kinitx imdawla u, kif daħal fiha, tellfitu l-kontroll tal-vettura, li

qabżet is-*centre strip*, marret fuq il-karreġġjata l-oħra u baqgħet dieħla ġol-vettura ta' l-attur.

"Bis-saħħa tal-ħabta, saret ħafna ħsara lill-vetturi, l-atturi korrew sew, u t-tifel tilef ħajtu.

"Għalkemm il-konvenut xehed illi kien għaddej b'veloċità moderata, il-qorti taqbel kemm ma' l-ewwel perit ġuidizzjaru kif ukoll mal-peritti addizzjonali illi l-konvenut kien għaddej b'veloċità qawwijja ħafna. Il-fatt illi l-konvenut ħalla brake marks ta' erbgħa u għoxrin metru (24m), qabeż is-*centre strip*, qala' kantun, qaċċat siġra, qasam għan-naħa l-oħra tat-triq u baqa' sejjer sa ma waqaf b'ħabta qawwija mal-vettura ta' l-attur juri illi l-vettura tiegħu kellha momentum qawwi, u dan il-momentum seta' ġie biss minn veloċità għolja ħafna.

"Il-qorti għalhekk mingħajr esitazzjoni taqbel mal-periti ġudizzjarji illi jagħtu ħtija lill-konvenut. Il-veloċità eċċessiva tiegħu kien il-fattur ewlieni li wassal għall-inċident.

"Għalkemm il-veloċità tal-konvenut kien il-fattur ewlieni, tifdal il-kwistjoni jekk kienx ukoll il-fattur waħdieni li wassal għall-inċident; irridu naraw jekk il-ħofra fit-triq kinitx ukoll fattur.

"Il-periti sabu illi l-ħofra ma kellha ebda sehem li wassal għall-inċident, kemm għax kienet bogħod sew — erbgħa u sebgħin metru (74m) — mill-bidu tal-brake marks tal-konvenut, u kif ukoll għax, wara l-inċident, avukat maħtura biex tassisti waqt l-inkjesta marret fuq il-post, il-vettura tagħha wkoll laqtet il-ħofra, ħasset skoss iżda ma tilfitx il-kontroll tal-vettura.

"Mix-xhieda ħareġ illi l-ħofra saret minħabba xi xogħlijiet tal-gvern u wara li tlestew ix-xogħlijiet reġgħet imtliet b'mod xejn professjonali illi prattikament jiggarantixxi illi l-livell tal-mili jċedi u jħalli diżlivell mal-bqija tal-wiċċ tat-triq. Għalkemm l-atteġġjament x'aktarx każwali li bih l-awtoritajiet pubbliċi jħarsu lejn id-dmirijiet tagħhom lejn iċ-ċittadin — f'dan il-każ lejn min iħallas il-liċenza tat-triq biex

ikun jista' jsuq fuq it-toroq magħmula u miżmuma mill-awtoritajiet — huwa ta' min jikkundannah, madankollu, jekk in-nuqqas ta' min mela' l-ħofra ma kienx fattur fl-inċident, ma tista' tintefa' ebda ħtija fuqhom.

"L-ewwel perit ġudizzjarju qal illi "bejn il-ħofra u l-inċident hemm distanza ta' circa 120 metru li hi distanzi twila wisq biex jagħti kredibilità tal-verżjoni tal-konvenut illi kienet il-ħofra l-kawża ta' l-inċident", u l-periti addizzjonali qablu miegħu.

"Il-qorti tosserva illi, jekk kienet il-ħofra li fixklet lill-konvenut, id-distanza relevanti ma hix dik bejn il-ħofra u l-post fejn saret il-ħabta, iżda l-bogħod bejn il-ħofra u l-post fejn il-konvenut tilef il-kontroll. Rajna illi bejn il-ħofra u l-bidu tal-brake marks tal-konvenut hemm erbgħa u sebgħin metru (74m). Tassew illi din ukoll ma hijiex distanza żgħira, iżda d-distanza hija ħaġa relativa: distanza li tidher twila jekk tkun qiegħed issuq bilmod issir ħaġa ta' ftit sekondi jekk tkun qiegħda iġġerri. B'veloċità ta' sittin mil (60 m.f.s.), jew sitta u disgħin kilometru (96 Km.f.s.), fis-siegħa, tul ta' erbgħa u sebgħin metru (74m) tagħmlu fi ftit anqas minn tliet sekondi; b'veloċità ta' tmenin mil (80 m.f.s.), jew mija u tmienja u għoxrin kilometru (128 Km.f.s.) fis-siegħa, l-istess tul tagħmlu f'żewġ sekondi. L-indikazzjonijiet kollha juru illi l-konvenut kien qiegħed iġerri sew; meta tqis ukoll illi l-vettura tiegħu kienet ġà dawret wiċċha lejn il-lemin meta applika l-brake, u tqis ukoll it-thinking distance, il-bogħod bejn il-ħofra u l-bidu tal-brake marks ma jibqax jidher daqshekk twil illi jwasslek biex tgħid illi l-ħofra ma kienx fattur fl-inċident.

"Il-konvenut fil-fatt xehed illi kienet il-ħofra li tillfitlu l-kontroll. Issa huwa minnu illi l-konvenut kien qiegħed isuq bla għaqal u bla rażan, iżda dan ma jfissirx illi kull ma jgħid ma għandniex nemmnuh. Fil-fehma tal-qorti, iċ-ċirkostanzi tal-każ juru illi x'aktarx illi l-ħofra tassew kienet fattur fl-inċident. Madankollu, il-veloċità tal-konvenut, għalkemm mhux il-fattur waħdieni, tibqa' l-fattur ewlieni li wassal għall-inċident. Li kien qiegħed isuq b'aktar għaqal ma kienx jitlef il-kontroll tal-vettura, jew, għall-inqas, kien jerġa' jiksbu qabel ma jagħmel dik il-ħsara kollha.

“Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti taqsam il-ħtija hekk: disgħin fil-mija (90%) fuq il-konvenut u għaxra fil-mija (10%) fuq l-imsejħa fil-kawża.

“Irridu issa nqisu l-eċċezzjoni tal-Ministru ta’ l-Ambjent illi tgħid illi “m’għandux id-day-to-day running tad-dipartiment”.

“Din l-eċċezzjoni kien ikollha meritu li kieku l-ministru ssejjaħ fil-kawża biex iwieġeb f’ismu proprju; l-imħarrek iżda, kemm fil-każ tal-ministru kif ukoll fil-każ tad-dipartiment, huwa l-istess: il-Gvern ta’ Malta. Għalkemm kien ikun biżżejjed li kieku kien imsejjaħ fil-kawża l-kap tad-dipartiment biss, u għalhekk il-ministru jista’ jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju, dan ma jagħmilx differenza fil-persuni li huma parti fil-kawża.

“Ngħaddu issa biex inqisu l-eċċezzjoni tal-konvenut Grech illi tgħid illi l-atturi ma jistgħux imexxu b’din il-kawża biex ifittxu għad-danni minħabba l-mewt tat-tifel. Il-konvenut ressaq din l-eċċezzjoni għax, għalkemm l-atturi kienu adottaw lil Sorin-Valentin taħt il-liġi tar-Rumanija, kien għadu ma ngħatax dikriet dwar l-adozzjoni f’Malta.

“Dwar il-persuni li jistgħu jfittxu għad-danni fil-każ ta’ mewt, il-liġi tgħid hekk fl-art. 1046 tal-Kodiċi Ċivili:

““1046. Jekk minħabba l-egħmil li jagħti lok għad-danni xi ħadd imut, il-qorti tista’, flimkien mat-telf u spejjeż attwali ikkaġunati, tagħti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bħal fil-każ ta’ inkapaċità totali għal dejjem … … …”

“Dan ifisser illi huma l-werrieta li jistgħu jfittxu għad-danni. Jekk Sorin-Valentin għandu jitqies bħala iben l-atturi għax adottat minnhom, mela l-atturi huma werrieta tiegħu ab intestato; jekk ma kienx adottat, mela ma hemmx relazzjoni ta’ filjazzjoni u l-atturi ma humiex il-werrieta.

“L-atturi kienu adottaw lit-tifel b’dikriet mogħti mill-Qorti ta’ Bucharest fit-30 t’April 1991. Dwar adozzjonijiet

magħmula barra minn Malta, il-liġi fl-artt. 113 u 130 tal-Kodiċi Ċivili tgħid hekk:

““113. (2) F’dan il-Kodiċi u f’kull liġi oħra, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tfissirx xort’oħra -

“(a) … … …

“(b) “adozzjoni” tfisser adozzjoni magħmula skond dan il-Kodiċi u, suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet u disposizzjonijiet l-oħra, u b’seħħ minn dik id-data, jekk ikun hemm, li tista’ tinsab f’ordni magħmul mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja skond dan is-subartikolu, tinkludi adozzjoni barranija; … … …

“(ċ) … … …

“(d) “adozzjoni barranija” tfisser adozzjoni ta’ dik ix-xorta jew deskrizzjoni u magħmula skond il-liġi ta’ dak il-pajjiż barra minn Malta, jew f’Malta dwar tfal mhux soltu residenti f’Malta jew favur konjuġi jew persuna li soltu ma jkunux residenti f’Malta, jew skond id-disposizzjonijiet ta’ xi Trattat Internazzjonali li Malta tkun parti fih, kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista’ b’ordni jispeċifika.”

“130. (1) Bla ħsara għas-subartikolu (2), meta adozzjoni barranija għandha titqies bħala adozzjoni skond id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 113, l-ordni (ikun kif ikun imsemmi) ta’ l-awtorità barra minn Malta, li bih issir dik l-adozzjoni, għandu jseħħ daqslikieku kien digriet ta’ adozzjoni magħmul mill-qorti f’Malta; u d-disposizzjonijiet u ta’ kull liġi oħra għandhom japplikaw f’dan is-sens b’dawk l-adattamenti u tibdil li jkunu xierqa fiċ-ċirkostanzi.

“(2) Is-subartikolu (1) japplika suġġett għal kull reviżjoni, revoka jew annullament minn qorti jew awtorità oħra kompetenti ta’ l-ordni li bih tkun saret l-adozzjoni barranija u għal kull deċiżjoni jew ordni dwaru.

“(3) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta’ qabel ta’ dan l-artikolu, relattivament għal adozzjoni barranija l-qorti jkollha -

“(a) is-setgħa li tiddeċidi jekk dik l-adozzjoni barranija għandhiex tiġi meqjusa bħala adozzjoni skond l-artikolu 113;

“(b) is-setgħa li tordna li ssir ir-reġistrazzjoni xierqa jew li jsir l-immarkar xieraq dwar l-adozzjoni barranija, fir-reġistru u fl-atti msemmija f’dan it-Titolu u li ssir kull korrezzjoni jew tħassir tagħhom;

“(ċ) is-setgħa li tiddeċiedi jekk reviżjoni, revoka jew annullament ta’ adozzjoni bħal dik għandux ikollhom, jew safejn għandu jkollhom, seħħ f’Malta;

“(d) is-setgħa li tordna li adozzjoni barranija tispiċċa mis-seħħ bħala adozzjoni, jew li tibqa’ valida, f’Malta għar-raġuni li l-adozzjoni tkun kontra l-ordni pubbliku jew li l-awtorità li tidher li tkun awtorizzat l-adozzjoni ma kenitx kompetenti; u

“(e) b’mod ġenerali dawk is-setgħat kollha li għandha dwar adozzjoni skond dan il-Kodiċi,u tista’ teżerċita dawk is-setgħat fuq rikors għal hekk jew fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħha skond dan l-artikolu.

“Il-liġi għalhekk tagħmel distinzjoni bejn “adozzjoni” u “adozzjoni barranija”, u “adozzjoni barranija” titqies “adozzjoni” fil-każ illi jkun hemm ordni dwar hekk magħmul mill-ministru; f’dak il-każ “adozzjoni barranija” tkun tiswa daqs adozzjoni magħmula f’Malta dwar tfal residenti f’Malta u favur persuni residenti f’Malta. Kif sewwa qalu l-periti ġudizzjarji, fiż-żmien relevanti għal din il-kawża, ma kien hemm ebda ordni magħmul mill-ministru.”

“Madankollu, in-nuqqas ta’ ordni li bis-saħħa tiegħu “adozzjoni barranija” titqies “adozzjoni” taħt l-art. 113 ma jfissirx illi “adozzjoni barranija” ma għandha jkollha ebda seħħ f’Malta għax, ukoll dwar “adozzjoni barranija”, il-qorti

għandha, taħt l-art. 130(3(e)), "b'mod ġenerali dawk is-setgħat kollha li għandha dwar adozzjoni", fosthom is-setgħa li tagħraf l-adozzjoni barranija għall-għanijiet tal-liġi f'Malta.

"Il-qorti għalhekk taqbel mal-periti ġudizzjarji illi n-nuqqas ta' dikriet ta' adozzjoni mogħti f'Malta ma jżommhiex milli tagħraf l-effetti ta' adozzjoni barranija, u taqbel ukoll illi l-adozzjoni magħmula f'Bucharest tħares il-kondizzjonijiet kollha li trid il-liġi ta' Malta biex dik l-adozzjoni tkun magħrufa hawnhekk ukoll.

"Għal din ir-raġuni, għal dak kollu li tgħid u trid il-liġi f'Malta, Sorin-Valentin għandu jitqies li huwa iben l-atturi u illi, għalhekk, l-atturi bħala werrieta tiegħu għandhom leġittimazzjoni attiva biex imexxu b'din il-kawża biex jitolbu l-ħlas tad-danni minħabba fil-mewt tiegħu."

B'sentenza moghtija fit-**2 ta' Mejju, 2006** l-istess Qorti Prim Awla illikwidat d-danni dovuti lill-atturi fis-somma ta' erbgha u tmenin elf, sitta u sittin lira u wiehed u ghoxrin centezmu (LM84,066.21) u kkundannat lill-konvenut ihallas disghin fil-mija tad-danni likwidati flimkien ma disghin fil-mija ta' l-ispejjez tal-kawza, u kkundannat lill-imsejjah [recte: msejha] fil-kawza jhallas [recte: jhallsu) ghaxra fil-mija kemm tad-danni likwidati kif ukoll ta' l-ispejjez. Ikkundannat ukoll lill-konvenut u l-imsejjah [recte: msejha] fil-kawza jhallsu l-imghax mitlub fic-citazzjoni. U dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Din is-sentenza hija dwar likwidazzjoni ta' danni wara illi, b'sentenza oħra mogħtija fis-16 ta' Novembru 2004, il-qorti kienet sabet illi l-konvenut u l-imsejjaħ fil-kawża jaħtu — fis-sehem ta' disgħin fil-mija (90%) l-konvenut u għaxra fil-mija (10%) l-imsejjaħ fil-kawża — għall-inċident tat-triq li seħħ fis-17 ta' Diċembru 1991 u li fih korrew l-atturi u tilef ħajtu binhom.

"Id-danni li jridu jiġu likwidati huma dawn:

"1. damnum emergens;
"2. lucrum cessans ta' l-attriċi Teresa Monreal;

"3. lucrum cessans ta' l-attur Joseph Monreal; u
"4. lucrum cessans bil-mewt tat-tifel.

"Wara li stiednet lill-partijiet jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar il-likwidazzjoni, u qieset in-noti magħmula mill-atturi u l-imsejjaħ fil-kawża, il-qorti sejra issa tgħaddi biex tagħti din is-sentenza.

"**1. Damnum emergens**

"L-atturi qegħdin jitolbu elfejn, disa' mija u wieħed u għoxrin lira u wieħed u għoxrin ċenteżmu (Lm2,921.21) bħala damnum emergens. Għalkemm f'din iċ-ċifra hemm element ta' lucrum cessans, għax tiġbor fiha wkoll telf ta' paga, ma hijiex kontestata mill-parti l-oħra u l-qorti għalhekk sejra toqgħod fuqha.

"Għalhekk tillikwida d-damnum emergens fis-somma ta' elfejn, disa' mija u wieħed u għoxrin lira u wieħed u għoxrin ċenteżmu (Lm2,921.21).

"**2. Lucrum cessans ta' l-attriċi Teresa Monreal**

"Bħala lucrum cessans ta' l-attriċi Tersesa Monreal, l-atturi qegħdin jippretendu disat elef, seba' mija u tnejn u sittin lira (Lm9,762), li waslu għalihom hekk:

- dħul fis-sena: tlitt elef, tliet mija u tmenin lira (Lm3,380);
- multiplier: dsatax-il (19) sena;
- diżabilità: sittax fil-mija (16%);
- tnaqqis minħabba lump sum payment: ħamsa fil-mija (5%).

"Hemm kontestazzjoni dwar kollox ħlief id-diżabilità.

"Il-qorti hija tal-fehma illi dħul ta' tlitt elef, tliet mija u tmenin lira (Lm3,380) fis-sena — ħamsa u sittin lira (Lm65) fil-ġimgħa — huwa raġonevoli fiċ-ċirkostanzi. Multiplier ta' dsatax-il (19) sena, meta tqis illi l-attriċi kellha erbgħa u erbgħin (44) sena meta korriet u meta tqis ukoll

illi mara tad-dar ma tiqafx minn xogħolha meta tilħaq l-età tal-pensjoni, ukoll huwa raġonevoli.

"Dwar it-tnaqqis talli l-attriċi tieħu bil-quddiem id-dħul tal-ġejjieni, l-imsejjaħ fil-kawża qal illi ma kienx ħtija tiegħu illi l-kawża damet għaddejja. Dan jista' jkun minnu, iżda lanqas ma kien ħtija ta' l-atturi. Li hu minnu hu illi min kellu jagħmel tajjeb għad-danni baqa' jżomm f'idejh il-flus li, f'dinja idejali, kienu jitħallsu mill-ewwel lill-atturi, u għalhekk baqa' jgawdi flus illi fis-sewwa kienu ta' l-atturi.

"Meta tqis illi ġà għaddew aktar minn erbatax-il (14) sena mill-inċident, tnaqqis ta' ħamsa fil-mija (5%) huwa x'aktarx wisq milli ftit, u l-qorti ma tarax li għandha żżid it-tnaqqis.
"Għalhekk tillikwida l-lucrum cessans ta' l-attriċi Teresa Monreal fis-somma ta' disat elef, seba' mija u tnejn u sittin lira (Lm9,762).

"**3. Lucrum cessans ta' l-attur Joseph Monreal**

"Bħala lucrum cessans ta' l-attur Joseph Monreal, l-atturi qegħdin jippretendu sitt elef, ħames mija u ħamsa u erbgħin lira (Lm6,545), li waslu għalihom hekk:

- dħul fis-sena: sitt elef, tmien mija u disgħin lira (Lm6,890);
- multiplier: għoxrin (20) sena;
- diżabilità: ħamsa fil-mija (5%);
- tnaqqis minħabba lump sum payment: ħamsa fil-mija (5%).

"Hawn ukoll hawn kontestazzjoni dwar kollox ħlief id-diżabilità.

"Il-qorti hija tal-fehma illi dħul ta' sitt elef, tmien mija u disgħin lira (Lm6,890) huwa aktar konservattiv milli "pjuttost ġeneruż" kif qal l-imsejjaħ fil-kawża fin-nota tiegħu. Multiplier ta' għoxrin (20) sena, meta tqis illi l-attur kellu erbgħa u erbgħin (44) sena meta korra, ukoll huwa raġonevoli. Dwar it-tnaqqis ta' ħamsa fil-mija (5%)

jgħoddu l-istess konsiderazzjonijiet li saru fil-każ ta’ l-attriċi.

“Il-qorti għalhekk tillikwida l-lucrum cessans ta’ l-attur Joseph Monreal fis-somma ta’ sitt elef, ħames mija u ħamsa u erbgħin lira (Lm6,545).

“**4. Lucrum cessans bil-mewt tat-tifel**

“Bħala lucrum cessans ta’ l-attur Joseph Monreal, l-atturi qegħdin jippretendu erbgħa u sittin elf, tmien mija u tmienja u tletin lira (Lm64,838), li waslu għalihom hekk:

- dħul fis-sena: ħamest elef u mitejn lira (Lm5,200);
- multiplier: ħamsa u tletin (35) sena;
- diżabilità: mija fil-mija (100%);
- tnaqqis għal dependency: ħamsin fil-mija (50%);
  - tnaqqis għal “konsum personali” ħamsa u għoxrin fil-mija (25%);
- tnaqqis minħabba lump sum payment: ħamsa fil-mija (5%).

“Din il-likwidazzjoni wkoll hija kontestata.

“Il-qorti hija tal-fehma illi dħul ta’ ħamest elef u mitejn lira (Lm5,200) fis-sena, meta tqis multiplier ta’ ħamsa u tletin (35) huwa konservattiv sal-punt kważi li jkun assurd. Madankollu, ladarba l-atturi huma sodisfatti b’daqshekk, il-qorti sejra toqgħod fuq din il-figura. Il-multiplier ta’ ħamsa u tletin sena (35) ukoll, għalkemm tradizzjonalment huwa l-ogħla li jingħata, wasal il-waqt illi nqisuh mill-ġdid, fid-dawl tal-fatt illi l-kwalità tal-ħajja u tal-kura medika qegħdin dejjem jitjiebu, in-nies qegħdin igħixu aktar fit-tul, u l-età meta toħroġ bil-pensjoni x’aktarx illi tiżdied. Madankollu, il-qorti sejra taħdem fuq multiplier ta’ ħamsa u tletin (35) sena ladarba l-atturi huma sodisfatti b’daqshekk.

“Dwar it-tnaqqis minħabba dependency u “konsum personali”, għalkemm din il-qorti ma taqbel xejn li għandhom jingħataw — għax il-liġi tagħti lill-werrieta jedd

iure proprio għal danni, "bħal fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem", skond l-istess disposizzjonijiet li jirregolaw il-likwidazzjoni tad-danni fil-każ ta' inkapaċità parzjali[1], u għalhekk mingħajr raġunijiet oħra ta' tnaqqis — madankollu, ladarba l-atturi jaqblu li għandhom jingħataw, il-qorti sejra tqishom ukoll, mingħajr iżda ma tilqa' s-suġġeriment tal-periti ġudizzjarji u ta' l-imsejjaħ fil-kawża li toħloq kapi oħra ta' tnaqqis.

"Għalhekk tillikwida l-lucrum cessans minħabba l-mewt tat-tifel fis-somma ta' erbgħa u sittin elf, tmien mija u tmienja u tletin lira (Lm64,838).

"B'kollox għalhekk id-danni jiġu erbgħa u tmenin elf, sitta u sittin lira u wieħed u għoxrin ċenteżmu (Lm84,066.21)."

**L-appell tad-Direttur Generali tat-Taqsima Xoghlijiet u l-Ministru ta' l-Ambjent.**

Id-Direttur Generali tat-Taqsima Xoghlijiet u l-Ministru ta' l-Ambjent hassew ruhhom aggravati bis-sentenzi fuq riportati u ghalhekk, b'rikors intavolat fit-22 ta' Mejju, 2006, talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha (i) tirriforma s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-**16 ta' Novembru, 2004** billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet illi l-esponenti ma kienux responsabbli ghall-incident sal-grad ta' disghin fil-mija thassarha u tirrevokaha fil-kumplament taghha fejn sabet illi kien hemm responsabbilita` ta' ghaxra fil-mija da parti taghhom u minflok tiddikjara illi huma ma kellhom ebda responsabbilita` ghall-incident u tilliberhom mit-talbiet u (ii) fil-kaz illi dina il-Qorti ta' l-Appell jidhrilha illi ma ghandhiex tillibera lill-esponenti mit-talbiet minhabba nuqqas ta' responsabbilita` ghall-incident tirriforma s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-**2 ta' Mejju, 2006** in kwantu din illikwidat id-danni u ghall-motivi premessi tillikwida ammont ta' danni ferm izghar minn dak likwidat fis-sentenza appellata u takkorda lid-danneggjati danni

[1] Art. 1046 Kod. Civ.

reali skond il-ligi u skond il-gurisprudenza accettata. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati l-ohra.

L-atturi appellati pprezentaw risposta ghal dan l-appell fejn talbu li s-sentenza tigi konfermata bl-ispejjez ta' dan l-appell ghall-kjamati in kawza.

Il-konvenut Grech ukoll intavola risposta fejn sostna li l-appell ghandu jigi respint u s-sentenza appellata kkonfermata.

**L-aggravji tal-kjamati in kawza.**

Il-kjamati in kawza qed jappellaw sew mis-sentenza tas-sejbin ta' responsabbilita` u cioe` dik tas-16 ta' Novembru, 2004 fejn huma gew misjuba responsabbli fi grad ta' ghaxra fil-mija ghall-akkadut, kif ukoll mis-sentenza tat-2 ta' Mejju, 2006 li tikkoncerna l-likwidazzjoni tad-danni.

**Ikkunsidrat:**

L-incident mertu ta' din il-kawza sehh fis-17 ta' Dicembru, 1991 f'Notabile Road, Mriehel. L-atturi kienu jsuqu fid-direzzjoni tar-Rabat filwaqt li l-konvenut kien gej mid-direzzjoni opposta. It-triq fejn sehh l-incident hija maqsuma b'*centre strip* fejn hemm ukoll is-sigar. Fl-incident iben l-atturi miet filwaqt li l-atturi korrew gravement. Jirrizulta li fil-hin tal-incident kienet nizla x-xita (irxiex) u kien id-dlam hlief ghad-dwal tat-triq li jinsabu fl-inhawi. L-incident gara billi l-konvenut tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u baqa' sejjer fid-direzzjoni opposta tat-triq wara li qabez s-*centre strip* u habat ma' sigra u spicca mahbut mal-vettura ta' l-atturi fejn, apparti l-griehi u l-mewt ta' iben l-atturi, ikkaguna hsarat kbar fil-vettura tal-atturi.

Mhux in kontestazzjoni l-velocita` li biha kien ghaddej il-konvenut, billi mic-cirkostanzi tal-kaz, u cioe` l-*brake marks* twal 74 metri, il-fatt li qabez is-*centre strip* u qaleb il-kantun li kien hemm, il-habta mas-sigra, id-distanza li mexa fuq in-naha tat-triq u l-impatt qawwi bejn iz-zewg vetturi, ma jista' jkun hemm ebda dubju dwar l-i*speed*

eccessiv li kien miexi bih il-konvenut u dan minkejja li huwa jsostni li kien miexi bi *speed* moderat. L-ewwel aggravju ta' l-appellanti ghalhekk hu indirizzat lejn l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti li rriteniet li l-kjamati in kawza kienu wkoll, minhabba nuqqasijiet taghhom, ikkontribew ghas-sinistru u dana fi grad ta' 10%. Il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti – liema konkluzjoni tmur kontra dak li gie sottomess mill-perit legali u minn dawk addizzjonali – hi msejsa fuq il-fatt li fit-triq in kwistjoni kien hemm hofra rizultanti minn xi xoghlijiet li kienu saru xi granet qabel id-data tal-incident, liema hofra, skond il-konvenut, hasditu u b'hekk applika l-*brakes* u gara dak li gara.

Is-sottomissjoni tal-appellanti in sostenn tal-aggravju taghhom huwa fis-sens li kieku l-konvenut kien qed isuq *entro* li *speed limit* permess ghal-lokalita` kien jinduna bil-hofra minn certa distanza u kien ikun f'posizzjoni li jiehu dawk il-prekawzzjonijiet mehtieg biex jevita sew li jidhol fiha sew li jikkawza l-incident in kwistjoni. Il-konvenut ghalhekk, skond l-appellanti, holoq *a self inflicted incapacity* billi minhabba l-i*speed* tieghu ma setghax jirreagixxi tempestivament b'mod adegwat.

Din il-Qorti tosserva li fid-decizjoni taghha l-ewwel Qorti hadet dan kollu in konsiderazzjoni biss hasset, u fil-fehma ta' din il-Qorti, b'mod logiku, li kien hemm ness bejn l-ezistenza tal-hofra fit-triq u l-incident. Ghalkemm huwa minnu li l-i*speed* tal-konvenut kien wiehed eccessiv, certament kieku l-konvenut ma nhasadx bit-toqba fit-triq, <u>l-incident ma kienx jigri</u>. L-applikazzjoni tal-*brakes* u il-gbid lejn il-lemin tat-triq kienu kollha marbutin mal-ezistenza ta' din il-hofra. Apparti dan, ghandu jigi rilevat dak li rrizulta mill-provi, li fil-mument tal-incident l-imsemmija hofra la kienet mdawra b'*barriers* u lanqas ma kellha xi fanali biex jindikaw li kien hemm xi perikolu ghall-vetturi.

Il-kjamati in kawza, wara kollox, huma l-awtorita` li ghandhom responsabbilita` fil-manutenzjoni adegwata tat-toroq u fl-ezercizzju ta' din l-awtorita` ossia dmir mhux eskluzi mill-obbligu li jezercitaw il-prudenza ta' *bonus pater familias*. Kif qalet l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward, u li jirrifletti anke l-hsieb ta' din il-Qorti: "*l-attegiament aktarx*

*kazwali li bih l-awtoritajiet pubblici jharsu lejn id-dmirijiet taghhom lejn ic-cittadin – f'dan il-kaz lejn min ihallas il-licenza tat-triq biex jkun jista' jsuq fuq it-toroq maghmula u mizmuma mill-awtoritajiet – huwa ta' min jikkundannah …*"

Din il-Qorti ghalhekk tikkondividi l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar l-ispartizzjoni tar-responsabbilita` u konsegwentement tichad dan l-aggravju.

**Ikkunsidrat:**

L-appellanti, b'mod sussidjarju u f'kaz li l-ewwel aggravju taghhom ma jigix akkolt, ressqu aggravju iehor dwar il-likwidazzjoni tad-danni akkordati lill-atturi minhabba l-mewt ta' binhom. Huma qed jissottomettu li fil-konkluzjonijiet taghha l-ewwel Qorti, mhux biss skartat kompletament ir-rapport tal-periti addizzjonali u s-sottomissjonijiet maghmula mill-istess kjamati in kawza, talli "*skartat il-kwistjoni tac-certezza tad-dannu u marret kontra l-gurisprudenza li tirrigwarda kemm id-"dependency issue", kif ukoll dak li jirrigwarda l-"konsum personali""* u li fil-fehma taghhom akkordat danni li mhumiex reali u legali.

Fir-rigward tad-danni taht il-kap ta' *lucrum cessans* konsegwenti l-mewt tat-tifel ta' l-atturi u cioe` Sorin Valentin maghruf bhala Joe-Ray, l-ewwel Qorti llikwidat l-ammont ta' LM64,838 bil-mod u ghar-ragunijiet imsemmija fis-sentenza, billi accettat dak li kien qed jigi sottomess mill-atturi kemm fir-rigward ta' introjtu prospettiv tal-minuri, u kemm fil-*multiplier* li gie suggerit mill-istess atturi. F'dawn iz-zewg cirkostanzi, li huma necessarji biex jigi stabbilit it-telf effettiv, l-ewwel Qorti izda kellha ir-riservi taghha in kwantu kkummentat fir-rigward tad-dhul imsemmi mill-atturi li dan kien konservattiv hafna "*kwazi assurd*" tenut kont tal-*multiplier* suggerit, u fir-rigward tal-istess *multiplier* l-istess Qorti wkoll hasset li, fic-cirkostanzi tal-hajja moderna meta, bl-avvanz tal-medicina, in-nies qed jghixu ghal zmien akbar, dan il-perjodu ta' hamsa u tletin sena kien qasir. Biss l-ewwel Qorti accettat il-proposti li kienu saru mill-istess atturi u ghaddiet biex tillikwida fuq din il-bazi.

Meta l-ewwel Qorti giet biex tikkunsidra d-"*deductions*" ghall-element ta' "*dependency*" u dawk minhabba il-konsum personali tad-*decujus*, liema tnaqqis gie ukoll suggerit mill-istess atturi, ukoll hasset li dawn ma kienux misthoqqa billi osservat fir-rigward li "*din il-Qorti ma taqbel xejn li ghandhom jinghataw – ghax il-ligi taghti lill-werrieta jedd iure proprio ghal danni 'bhal fil-kaz ta' inkapacita` totali ghal dejjem', skond l-istess disposizzjonijiet li jirregolaw il-likwidazzjoni tad-danni fil-kaz ta' inkapacita` parzjali, u ghalhekk minghajr ragunijiet ohra ta' tnaqqis".*

Fir-rikors ta' l-appell tal-kjamati in kawza gie sottomess li "*fil-kaz ta' persuna ta' eta` zghira l-genituri jistghu jghidu illi ghamlu telf finanzjarju biss fil-kaz (i) illi din il-persuna kienet tikber b'mod illi ma jinqalghala xejn illi jkun ta' xkiel biex hija jkollha hajja lavorattiva normali, (ii) illi huma fil-futur isiru indigenti u mhux kapaci jmantnu lilhom infushom u (iii) il-minuri ikollu flus bizzejjed biex ikun jista' jigi tenut li jmantniehom.*"

Il-mod kif id-danni li ghandhom jigu akkordati ghandhom jigu komputati huwa kontemplat fl-Artikolu 1045 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li: "*Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib.*" U fis-sub artikolu (2) tal-istess artikolu jinghad li "*is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita` ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.*" Pero` aktar relevanti ghall-kaz in ezami, fejn ghandna mewt, l-Artikolu 1046 jipprovdi li "*Jekk minhabba l-eghmil li jaghti lok ghad-danni xi hadd imut, il-qorti tista', flimkien mat-telf u spejjez attwali ikkagunati, taghti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bhal fil-kaz ta' inkapacita` totali ghal dejjem, skond id-disposizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan.*" [sottolinear ta' din il-Qorti].

Minn dan jidher li ghalkemm fil-gurisprudenza nostrana, fuq firxa ta' snin, nhasset il-htiega li l-Qorti timmodera b'xi mod id-danni akkordati lill-werrieta f'kaz ta' mewt u dan billi introduciet l-element ta' "*dependency*" u tnaqqis iehor li jirrispekkja l-konsum tal-mejjet, liema kuncetti gew hekk introdotti fuq l-iskorta tad-diskrezzjoni moghtija lilha fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 1045, effettivament l-ewwel Qorti agixxiet skond u entro l-ligi meta iddikjarat, bla tlaqliq, li "*it-tnaqqis minhabba dependency u 'konsum personali' ….. din il-Qorti ma taqbel xejn li ghandhom jinghataw.*"

Tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li it-tnaqqis suggerit mill-istess atturi fil-prospett pprezentat fit-13 ta' Ottubru, 2005 [fol. 427 *et seq*] jirrifletti sew dak li gie ritenut mill-qrati taghna kemm ghal dak li jirrigwarda l-element ta' *dependency* kif ukoll ghal *konsum personali*; konsegwentement l-ipotezijiet prospettati mill-appellanti, kif hawn fuq riprodotti, ma ghandhom ebda bazi la fil-ligi u lanqas fil-gurisprudenza. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

Jinghad finalment li din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti li ddecidiet li ma taghmel ebda tnaqqis iehor bhal dak suggerit mill-periti legali minhabba l-eta` tenera tad-*decujus*, u dana billi jidher, kif irrilevat l-ewwel Qorti, li l-*multiplier* suggerit mill-atturi u addottat mill-ewwel Qorti jiehu dan il-fatt in konsiderazzjoni.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-kjamati in kawza id-Direttur Generali tat-Taqsima Xoghlijiet u l-Ministru ta' l-Ambjent qed jigi michud u s-sentenzi appellati qeghdin konsegwentement jigu kkonfermati, bl-ispejjez kollha ta' dan l-appell ikunu a karigu ta' l-appellanti in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------